

- 2) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea (u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/24/UE<sup>(1)</sup>) dwar l-għoti in house ta' kuntratti fejn kontroll simili huwa eżercit b'mod kondiviż bejn diversi amministrazzjonijiet jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (bħal dikk tal-Artikolu 4(1) tal-Leġiżlazzjoni Kkonsolidata dwar il-Kumpanniji b'Azzjonijiet [Pubbliċi] — Digriet Leġiżlattiv Nru 175 tal-2016 —) li tipprekludi lil amministrazzjoni pubblika milli takkwista azzjonijiet (fi kwalunkwe każ li jistgħu jiggħarantixxu l-kontroll jew is-setgħa ta' veto) f'organu li l-azzjonisti tiegħu huma amministrazzjonijiet oħra meta l-imsemmija amministrazzjoni madankollu jkollha l-intenzjoni takkwista sussegwentement pożizzjoni ta' kontroll kondiviż u għaldaqstant il-possibbiltà li tagħti direttament kuntratti lil dak l-organu li l-kapital tiegħu huwa proprjetà ta' diversi amministrazzjonijiet?

---

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifica fil-ĠU 2015, L 275, p. 68).

---

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-5 ta' Frar 2019 — Burgo Group SpA vs Gestore dei Servizi Energetici SpA — GSE**

**(Kawża C-92/19)**

(2019/C 182/11)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Burgo Group SpA

Konvenuta: Gestore dei Servizi Energetici SpA — GSE

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva 2004/8/KE<sup>(1)</sup> (b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tagħha) tipprekludi interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 20/2007, fis-sens li jippermettu r-rikonoxximent tal-vantaġġi previsti fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 79/1999 (b'mod partikolari, dawk previsti fl-Artikolu 11, kif ukoll fid-Deċiżjoni 42/02 tad-19 ta' Marzu 2002 tal-Autorità dell'energia elettrica e del gas (l-Awtorità tal-Elettriku u tal-Gass), li tikkostitwixxi l-implementazzjoni tad-dispożizzjoni preċedenti) ukoll għall-impjanti ta' koġenerazzjoni mhux ta' effiċjenza għolja, anki wara l-31 ta' Diċembru 2010?
- 2) L-Artikolu 107 TFUE jipprekludi interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 20/2007, fis-sens indikat taħt (a), sa fejn din id-dispożizzjoni, interpretata b'dan il-mod, tista' timplika "għajnuna mill-Istat", u għalhekk, tikkontradixxi l-prinċipju ta' kompetizzjoni libera?

- 3) Korrelativament ma' dak li huwa espost taħt (a) u (b), u b'kunsiderazzjoni għal dak li huwa espressament sostnuta mir-riorrenti, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti ż-żamma ta' skemi ta' sostenn għall-koġenerazzjoni li ma hijex [ta' effiċjenza għolja] sal-31 ta' Diċembru 2015 tosserva l-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni tad-dritt Komunitarj, peress li din tista' tkun l-interpretazzjoni tad-dritt Taljan b'riżultat tal-Artikolu 25(11)(c)(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28 tat-3 ta' Marzu 2011, li jabroga d-dispożizzjonijiet iċċitat tal-Artikolu 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 79/1999 b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, jew issa pjuttost b'effett mid-19 ta' Lulju 2014 (b'riżultat tal-Artikolu 10(15) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 102 tal-4 ta' Lulju 2014).

---

(<sup>1</sup>) Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija, li temenda d-Direttiva 92/42/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 12, Vol. 3, p. 3)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fis-6 ta' Frar 2019 —  
San Domenico Vetraria SpA vs Agenzia delle Entrate**

**(Kawża C-94/19)**

(2019/C 182/12)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviċċu**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: San Domenico Vetraria SpA

Konvenuta: Agenzia delle Entrate

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 (<sup>1</sup>), kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha ma jitqiesux rilevanti għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud self u ssekondar ta' persunal tal-kumpannija omm li fir-rigward tagħhom jitħallas biss ir-imbors tal-ispejjeż relattivi min naħħa tas-sussidjarja.

---

(<sup>1</sup>) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liggiżiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 9, Vol. 1, p. 23),

---